



Il-Kummissjoni  
Ewropea

L-ISTAT TAL-  
UNJONI  
2018



# Niproteġu d-data personali tal-Ewropej fl-elezzjonijiet

#SOTEU

it-12 ta' Settembru 2018

*"Irrid li l-Ewropej ikunu jistgħu jagħmlu l-għażliet politiċi tagħhom f'Mejju li jmiss b'mod ġust, sigur u trasparenti fl-elezzjonijiet Ewropej. Fid-dinja online tagħna, ir-riskju ta' interferenza u manipulazzjoni qatt ma kien daqshekk għoli. Wasal iż-żmien biex inġibu r-regoli elettoralji tagħna aġġornati mal-era diġitali biex niproteġu d-demokrazija Ewropea."*

Jean-Caude Juncker, it-12 ta' Settembru 2018



Il-partiti politiċi qed jagħmlu użu dejjem aktar ta' *data* personali mmirata lejn ċittadini fuq il-midja soċjali matul il-perjodi tal-elezzjonijiet. Ir-rivelazzjonijiet ta' Cambridge Analytica juru r-riskju li teknoloġiji moderni jistgħu joħolqu għall-proċess elettoralji. Il-Kummissjoni llum stabbiliet gwida dwar kif ir-regoli eżistenti tal-UE għandhom jintużaw biex jittrattaw din il-kwistjoni u jggarantixxu l-ġustizzja tal-proċess elettoralji, speċjalment qabel l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019.

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tal-UE li daħal fis-seħħ f'Mejju 2018 jipprovdi regoli ċari dwar kif l-atturi kollha involuti fl-elezzjonijiet jeħtieġ li jagħtu sehemhom u jirrispettaw ir-regoli l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-*data*.



## L-obbligi tal-partiti u tal-fondazzjonijiet politiċi

Il-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi huma kontrolluri tad-*data*, peress li jiddeċiedu għaliex u kif tiġi pproċessata d-*data* personali.

### Affarijiet li għandek tagħmel:

- ☁ Agħżel il-**bażi ġuridika xierqa** għall-ipproċessar tad-*data* ta' persuni u attent għall-kundizzjonijiet speċifiċi għall-ipproċessar ta' *data* sensittiva;
- ☁ Kun ċert li s-sistemi li tuża jkunu **siguri** u, jekk ikun hemm vjolazzjoni tad-*data*, informa lill-persuni dwar dan mingħajr dewmien;
- ☁ Informa lill-individwi meta tibda l-ipproċessar tad-*data* tagħhom, u wkoll meta inti tiġborha minn partijiet terzi;
- ☁ Kun żgur li d-*data* li int tipproċessa hija preċiża, speċjalment fil-kumpilazzjoni tad-*data* minn diversi sorsi;
- ☁ Jekk inti tuża servizzi ta' **parti terza** - pereżempju kumpanija tal-analiżi tad-*data* - iċċekkja jekk id-*data* riċevuta minnha tkunx inkisbet legalment.

### Affarijiet li m'għandekx tagħmel:

- ☁ Tipproċessax id-*data* tal-persuni jekk tkun ġiet mogħtija minnhom għal **skop** ieħor li mhux relatat b'mod speċifiku mal-kontest tal-elezzjonijiet;
- ☁ Tagħtix drittijiet ta' **aċċess** wiesgħa għad-*data* ta' persuni li inti għandek. Għandek tiċċekkja min fl-organizzazzjoni tiegħek għandu aċċess għad-*data* u għal liema skopijiet leġittimi.





## Kumpaniji tal-analiżi tad-*data* / Sensara tad-*data*


Il-kumpaniji tal-analiżi tad-*data* is-sensara tad-*data* huma jew kontrolluri jew proċessuri skont il-grad ta' kontroll li għandhom matul l-ipproċessar. Pereżempju, jekk kumpanija tal-analiżi tad-*data* tipproċessa d-*data* ta' persuni skont l-istruzzjoni ta' partijiet politiku, hija proċessur tad-*data*.

### Affarijiet li għandek tagħmel:

- ☁ Agħżel il-**bażi ġuridika xierqa** għall-ipproċessar tad-*data* ta' persuni;  
*It-test ta' hawn taft huwa validu biss jekk il-kumpanija tal-analiżi tad-*data*/is-sensar tad-*data* jkun kontrollur tad-*data**
- ☁ Jekk tipproċessa **data sensitiva** (eż. l-oriġini etnika), jeħtieġ li jkollok kunsens espliċitu minn dik il-persuna; jew applika eċċezzjonijiet oħrajn maħsuba fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*;
- ☁ Kun ċert li s-sistemi li tuża jkunu **siguri** u, jekk ikun hemm vjolazzjoni tad-*data*, informa lill-persuni dwar dan mingħajr dewmien;
- ☁ Jekk inti tikkombina **settijiet tad-*data*** differenti dwar persuni, kun ċert li jkunu magħmula b'mod preċiż u legalment;  
*L-aħħar punt huwa validu biss jekk il-kumpanija tal-analiżi tad-*data*/is-sensar tad-*data* jkun proċessur tad-*data**
- ☁ Għin lill-**partijiet terzi** li magħhom qed taħdem — pereżempju partiti politiċi — jekk ikollhom bżonn l-assistenza tiegħek eż. fit-tnejn ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*.

### Affarijiet li m'għandekx tagħmel:

- ☁ Tużax id-*data* tal-persuni jekk ġiet mogħtija minnhom għal **skop** ieħor li mhux relatat b'mod speċifiku mal-kuntest tal-elezzjonijiet;
- ☁ Għandek tinforma lill-persuni dwar kull għan tal-ipproċessar, speċjalment meta tbigħ id-*data* lil parti terza — pereżempju partijiet politiku.



## L-awtoritajiet elettorali nazzjonali

L-awtoritajiet elettorali nazzjonali huma **kontrolluri tad-*data***, hekk kif jikkontrollaw ir-reġistru elettorali.

### Affarijiet li għandek tagħmel:

- Wettaq **valutazzjoni tal-impatt** fuq il-protezzjoni tad-*data* biex tivvaluta r-riskju qabel ma jibda l-ipproċessar tad-*data* ta' persuni;
- Il-**bażi ġuridika** għall-ipproċessar tad-*data* ta' persuni normalment tkun biex jiġi sodisfat obbligu legali jew biex jitwettaq komputu ta' interess pubbliku abbażi tal-liġi.



## Pjattaformi tal-Midja Soċjali

Il-pjattaformi tal-midja soċjali huma kontrolluri tad-*data*, għar-raġuni li l-ipproċessar tad-*data* ta' persuni iseħħ fuq il-pjattaformi tagħhom.

### Affarijiet li għandek tagħmel:

- ☁ Agħżel il-**bażi ġuridika xierqa** għall-ipproċessar tad-*data* ta' persuni;
- ☁ Jekk tipproċessa **data sensitiva** (eż. l-oriġini etnika), jeħtieġ li jkollok kunsens espliċitu minn dik il-persuna; jew applika eċċezzjonijiet oħrajn maħsuba fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*;
- ☁ Agħti lill-persuni l-**kontrolli u l-konfigurazzjonijiet** biex effettivament jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom, pereżempju meta jitolbu korrezzjoni jew tħassir tad-*data* tagħhom;
- ☁ Kun ċert li s-sistemi li tuża jkunu siguri u, jekk ikun hemm vjolazzjoni tad-*data*, informa lill-persuni dwar dan mingħajr dewmien;

### Affarijiet li m'għandekx tagħmel:

- ☁ Tkkondividix id-*data* ma' **partijiet terzi**, pereżempju ma' kumpanija tal-analiżi tad-*data*, sakemm l-utenti ma jkunux taw il-kunsens espliċitu tagħhom;
- ☁ Jekk tagħżel li tikkondividi d-*data* tal-utenti tiegħek ma' partijiet terzi, speċifika dan b'mod ċar fit-Termini u l-Kundizzjonijiet tal-pjattaforma tiegħek.